**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA**

**Seduta tal-31 ta' Jannar 2020**

**Appell Kriminali numru. 492/2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sergio Pisani)**

**Vs**

**John Cauchi**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat John Cauchi (355682M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali akkuzat talli nhar is-17 ta' Jannar 2017 għall-ħabta tat-8:50am u ħin qabel, bil-vettura BUS714 ġewwa Triq Dun Karm Psaila, Birkirkara:

1. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'mod perikoluz (Kap 65 Artiklu 15(1)(a)(2))
2. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'nuqqas ta'kont (Kap 65 Artiklu 15(1)(a)(2))
3. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni (Kap 65 Artiklu 15(1)(a)(2))
4. Waqt li kien qed isuq il-vettura bil-mutur, naqas li jagħti d-dritta lil vettura/i ta' preċedenza meta l-mezzi ta' twissija akustiċi jew viżwali kienu mixgħula (LS 65.11 Artiklu 84);
5. Waqt li kien qed isuq vettura bil-mutur, qasam il-linja bajda kontinwa jew linji doppji bojod kontinwi (LS65.05 Artiklu IV(A)(i));
6. Waqt li kien qed isuq il-vettur bil-mutur, naqas milli jagħti preċedenza lil vettura ta' preċedenza meta l-mezzi ta' twissijaakustiċi u/jew viżwali, permezz ta' sireni, qniepen, horn b'żewġ ilħna u/jew dawl blu jteptep kienu mixgħulin, waqt li kienu sejrin għal sejħa b'urġenza jew f'emerġenza (LS65.11 Artiklu 83(1)).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Novembru 2017, li biha, lliberat lil John Cauchi mill-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Ġenerali minnu ppreżentat fis-6 ta' April 2017 li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tiddisponi mill-każ skont il-liġi u għall-aħjar interess tal-ġustizzja.

Rat is-sentenza preliminari tad-29 ta' Novembru 2018 illi biha l-Qorti rrevokat s-sentenza appellata tal-14 ta' Novembru 2017 u ordnat illi l-kawża terġa' tinstema' mill-ġdid minn din il-Qorti fit-termini tal-artikolu 428(5) tal-Kodiċi Kriminali.

Semgħet il-provi kollha mill-ġdid quddiemha.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi annullata s-sentenza appellata l-Qorti semghet mill-gdid il-provi li wasslu lil Prosekuzzjoni jixlu lill-appellat John Cauchi bl-akkuzi lilu addebitati. Dan wara li nhar is-17 ta' Jannar 2017 filwaqt li l-ispettur Sergio Pisani kien fuq il-lant tax-xogholu bil-mutur tas-servizz numru ta' registrazzjoni GVP725 u filwaqt li kien għaddej minn Triq Dun Karm Psaila fuq il-karreġjata leminija li tagħti għal Santa Venera kif wasal fil-parti tat-triq li tifred il-karreġjati lejn Santa Venera u l-Imsida, mifrudin dawn iz-zewg karreggjati b' linja bajda kontinwa u doppja, allegatament xarabank bin-numru ta' reġistrazzjoni BUS714 li kien misjuq mill-appellat fil-karreġjata xellugija qasmet il-linji kontinwi u nvadiet il-karreġjata leminija. F'dan il-hin l-ispettur Pisani jallega illi x-xarabank, li kien qed jaqsam ghal karreggjata ta' barra rass lil Pisani mas-*central strip*, tant li, kif jikkontendi fix-xiehda tieghu, kellu jaghmel manuvra evasiva sabiex ma jintlaqatx. L-Ispettur Pisani jghid li waqqaf quddiem ix-xarabank, fejn minn fuq il-mutur tiegħu ħa d-dettalji tal-appellat u tax-xarabank li kien qed isuq u nfurmah li kienu ser jinħarġu l-akkużi kontra tiegħu kif filfatt seħħ.

Illi wara dan l-ispettur Pisani jibda l-investigazzjonijiet fuq dan l-incident fejn talab informazzjoni dwar ix-xarabank u l-persuna tal-appellat mill-Awtorita tat-Trasport,

kif ukoll il-filmat ta' CCTV mehud minn fuq ix-xarabank. Fl-atti, madanakollu, jigu esebieti biss *stills* allegatament mehuda minn dan il-filmat u dan mill-Ispettur Pisani stess fil-kors tax-xiehda tieghu quddiem l-Ewwel Qorti u kkonfermati quddiem din il-Qorti.

Fix-xiehda tieghu John Cauchi, l-appellat, jikkontendi illi dan l-inċident qatt ma seħħ iżda li hu kien ra lill-Ispettur Pisani ghaddej hdejh u ċedielu biex jkun jista' jissorpassah komodament, tant illi l-Ispettur sellimlu kif għadda minn ħdejh u baqa' sejjer. Jgħid ukoll li kien osservah ġej mill-genb tieghu minn xi tletin (30) metru 'l bogħod u nnota li kien qed isuq b'veloċita qawwija ħafna tant illi kwazi kien ser jahbat ma' vettura oħra u tfixkel kif lemah lix-xarabank quddiemu.

**Ikkunsidrat:**

Illi ezaminati l-provi in atti u mismugha x-xhieda kollha mill-gdid, inkluz dawk ix-xhieda li xehdu in rapprezentanza tal-Awtorita tat-Trasport, il-Qorti tinsab rinfaccajta b'zewg verzjonijiet ghal kollox konfliggenti, ghaliex ghalkemm huwa indubitat illi fil-hin tas-sinistru mertu tal-kaz, kemm ix-xarabank kif ukoll il-mutur misjuq mill-Ispettur Pisani gew fil-vicinanzi ta' xulxin meta kienu qed isuqu it-tnejn fit-triq maghrufa ahjar bhala il-By-pass ta' Birkirkara vicin l-isptar Mater Dei direzzjoni lejn Santa Venera, madanakollu hemm kunflitt dwar dak li sehh fil-mument li ghaddew minn hdejn xulxin, ghaliex filwaqt illi l-Ispettur Pisani jikkontendi illi l-appellat invada il-karreggjata tat-traffiku fejn kien qed isuq b'mod inaspettat li kien kwazi ser ighaffgu mas-*central strip*, l-appellat minn naha tieghu jikkontendi li cedielu biex ighaddi meta rah gej b'velocita' eccessiva.

Illi meta il-legislatur fassal id-disposizzjoni tal-ligi li taghti gwida lil awtorita' gudikanti dwar kif ghandu jigi mistharreg il-kredibbilta' tax-xhieda, u dan fl-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali, jagħmilha ċara l-ewwel u qabel kollox illi huwa fid-dover tal-prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Dan ghalkemm fis-subartikolu (2) tal-istess artikolu hemm dispost illi xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa

suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat[1].

Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta` huwa l-artikolu 637 li jistipula li, 'id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tax-xhieda) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ...'.

Illi fil-fehma tal-Qorti l-aktar prova b'sahhitha li setghet titfa' dawl fuq dak li verament sehh f'dan l-allegat sinistru stradali kien il-filmat tas-CCTV li kien gie registrat fuq ix-xarabank misjuq mill-appellat, filmat li madanakollu ghal xi raguni l-Prosekuzzjoni qatt ma esebiet in atti ghajr ghal sett ta' *stills* allegatament mehuda minn dan il-filmat u li kienu f'idejn ix-xhud Spettur Sergio Pisani li jikkonferma li gew mghoddija lilu fuq talba tieghu stess mill-Awtorita` tat-Trasport.

Illi ghalkemm ix-xhieda kollha li xehdu ghan-nom tal-Awtorita' kkonfermaw li l-appellat kien qed isuq ix-xarabank in kwistjoni fil-jum u l-hin indikat fl-akkuza, ma kenux f'posizzjoni jikkonfermaw l-awtenticita' tal-*istills* dok SP, SP1, SP2, SP4, SP5 u SP6, ezebiti mill-Ispettur Pisani. Ma jirriżultax ghalhekk minn kien responsabbli ghall-estrazzjoni ta' dawn l-i*stills* u minn liema filmat. Lanqas hemm konferma allura jekk dawn gewx mehuda minn fuq ix-xarabank misjuq mill-appellat. Dan ifisser illi l-Qorti ma ghandha l-ebda kontroll fuq il-katina tal-evidenza u l-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex li taghmel permezz ta' dawn l-i*stills*. Ix-xhud li ezebixxa dawn ir-ritratti u cioe' l–Ispettur Sergio Pisani innifsu ma jikkonfermax li dawn filfatt ġew elevati mill-filmat tas-CCTV tax-xarabank misjuq mill-appellat peress illi ma kienx hu l-persuna li ha hsieb jestrapola l-i*stills* mil filmat. Il-filmat ukoll lanqas gie esebiet u allura lanqas dan il-kontroll ma tista' taghmel il-Qorti fir-rigward ta'

[1] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata s-6.11.2002; Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16.3.2001; Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9.11.2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24.9.2004.

din il-prova. Dan kien aktar meħtieġ tenut kont tal-fatt illi l-verżjonijiet ippreżentati mill-partijiet huma dijatrikament opposti għal xulxin.

Skartata kwindi l-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex li taghmel permezz tal-i*stills* esebiti mill-Ispettur Pisani jifdal biss il-verżjonijiet kontrastanti taz-zewg protagonisti ta' din il-vicenda. Dan ghaliex ix-xhieda l-oħra ftit li xejn jitfgħu dawl fuq dak li seħħ apparti l-fatt illi jikkonfermaw li x-xarabank 714 kien misjuq mill-appellat u li kien fil-Bypass ta' Birkirkara fid-data u l-hin indikati fl-akkuza. Illi maghdud dan allura hemm kunflitt ċar fil-provi illi jaghmel iz-zewg verzjonijiet kredibbli u verosimili tant illi din il-Qorti difficilment tista' tasal biex taghti kredibbilita' lil verzjoni wahda a skapitu ta' ohra. Dan id-dubbju ragjonevoli necessarjament jimmilita favur l-appellat u dan fin-nuqqas ta' provi ohra li jistghu jikkorroboraw xi verzjoni wahda jew l-ohra.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi fid-dawl tal-kunflitt fil-provi, ma ssibx lil John Cauchi ħati tal-akkużi migjuba kontra tieghu u tghaddi biex tilliberah mill-istess.

**(ft) Imhallef**

**Vera Kopja**

**Joyce Agius**

**Deputat Registratur**